Soċjetà Mużikali San Lawrenz
Belt Vittoriosa

# L-Artal ta' San Lawrenz
## fil-Parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor f'Tas-Sliema

*minn George Cilia*

Tassew li d-devozzjoni lejn San Lawrenz L.M. hija mxerrda mal-gżejjer tagħna sa minn żminijiet il-bidu tal-Kristjaneżmu, aktarx li minħabba l-kobor tal-martirju faħxi li sofra għall-knisja ta' Kristu. Martirju li għamlu famuż u popolari fost il-martri kollha fid-dinja. Tmur fejn tmur tiltaqa' ma bażiliki, knejjes u artali ddedikati lilu jew kwadri jirrappreżentaw il-figura tad-djaknu jġorr miegħu l-gradilja u l-palma bi tliet kuruni.



F'Tas-Sliema naraw l-artal ta' San Lawrenz bil-kwadru ta' Giuseppe Cali` fil-parroċċa tal-Madonna tas-Sacro Cuor. Fil-parroċċa l-oħra ta' San Girgor il-Kbir, waħda mit-twieqi tal-ġenb tal-knisja tiffigura lill-qaddis interzjata fil-ħġieġ ikkulurit. F'dawn iż-żewġ parroċċi Slimiżi, sa mill-fondazzjoni tagħhom, San Lawrenz intgħażel għall-qima u t-talb tal-parruċċani. Waħda mit-toroq ta' dan il-lokal iġġib ukoll l-isem ta' San Lawrenz.

### *Il-Kappellun ta' San Lawrenz L.M.*

Fil-ktieb Parroċċa Madonna tas-Sacro Cuor ta' Patri Giusepp Vella, hemm din id-deskrizzjoni: "Dan il-kappellun kien iddestinat lil San Lawrenz Martri minn qabel ma ġiet miftuħa u mbierka l-knisja. Il-pittura titulari ta' dan il-kappellun hija xogħol artistiku u oriġinali ħafna ta' Giuseppe Cali` li pinġiha fl-1881. Wara xi ftit ħsara li ġarrbet fil-gwerra, meta ġġarfet parti mill-Kappellun, din ġiet irrestawrata mill-artist T. Briffa. Il-kappellun sofra ħsarat fl-aħħar gwerra. Sa qabel il-gwerra kien hemm lapida bil-latin li tgħid il-ġrajja ta' dan it-titular. Il-pittura flimkien mal-artal tħallsu mis-Sur Lorenzo Vassallo. Il-kitba kienet tgħid hekk:

*Efigiem.Hanc.In.Linteo.Depinctam*
*S.Laurenti.Archidiaconi.Martyrum.Fortissimi.*
*Altare.Et.Pavimentum.Ex.Marmore.*
*Cum.Omni.Supellectili*
*Laurentius.Vassallo.Tanti.Patroni*
*Cultus.Et.Gloriae.Studiosissimus*
*De.Suo.Facienda.Curavit.A.D.MDCCCLXXXI*
*Qui.Legitis.Orate.Pro Eo*

Din l-iskrizzjoni tfarrket fil-gwerra u baqgħet ma saritx oħra minflokha. L-artal li hemm illum huwa tal-irħam abjad u nħadem fl-1949 mill-marmista Antonio Galea ta' B'Kara. L-ispiża ta' dan l-artal kienet £ 400. Il-paviment sar ġdid fl-1954 u tħallas mill-familja La Rosa li tidher l-arma tagħhom.

### *Il-Ktieb fuq Xogħolijiet ta' G. Cali`*

Il-ktieb bl-ingliż li ppubblikaw is-sinjuri Fiorentino u Grasso fuq id-diversi xogħolijiet tal-artist Giuseppe Cali` jaċċennaw hekk fuq dan il-kwadru ta' San Lawrenz:" The Saint wearing the dalmatic, standing, leans on a parapet; in front of him two lads are preparing a fire; an angel from the right corner is handing him a luminous crown and a palm leaf; signed and dated 1881.

A painting of unusual cool Tiepolesque feeling, planned with simplicity and delicate use of colours. The Saint Lawrence figure was more kindly treated at the time, emphasis being made on the magnificent vestiment worn by the deacon saint, though again an anonymous writer found it difficult to accept realistic details which in his opinion threatened to give the early martyr too modern a look. In this particular case the figure of St. Lawrence towers above the cowering onlookers and those preparing for his martyrdom as he is being confronted by an angel in order to maintain his uprightness against adversity".

Qabel ma ngħalaq dan l-istudju ma nistax ma nsemmix żewġ okkażjonijiet meta dan il-kwadru ta' valur artisitku nqala' minn postu biex ġie esebit. L-ewwel darba fl-1960 fil-festi ċentinarji ta' San Pawl tqiegħed għall-wirja li ttellgħet fl-Istitut Kattoliku l-Furjana, it-tieni darba fl-1990 waqt iż-żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II f'Malta, l-inkwatru tpoġġa għall-wiri fil-Kurja tal-Arċisqof.